Ir-rumanz fih studju analitiku kritiku letteraju mill-Professur Charles Briffa, kif ukoll studji dwar il-kura tal-mard mentali minn Joseph Busuttil u Kevin Gafà, it-tnejn bi kwalifiki u b'esperjenza kbira fil-qasam tal-kura psikjatrika. Dawn l-analiżi jgħarblu l-ġrajja tar-rumanz fl-isfond tal-iżvilupp kbir tal-kura psikjatrika li sar sadinittant. It-tnejn juru kemm saru passi ta' ġgant 'il quddiem f'Malta u kullimkien f'dan il-qasam, janalizzaw l-aspetti mediċi, soċjli u legali ta' dak li jseħħ fir-rumanz, waqt li jindikaw kemm għad fadal xi jsir.

## Ir-Rumanz tal- Fieres Safran ta' Alfred Sant

Irrid nammetti li kif bdejt inqalleb il-folji ta' Il-Fieres Safran, kelli ftit reazzjonijiet imħalltin. Minn banda għandna xi ħaġa differenti, ibbażat Ibbażat fiż-Żmien tad-Dlam, dan ir-rumanz, jieħu l-qarrej lura lill-qaddej lura fiż-żmien. Mill-banda l-oħra l-istil, xi kliem arkajku, termini u l-kuntest fih innifsu mhux dejjem ħassejthom jappellaw għal dak li kont qed infittex. F'rakkont kompletament mistħajjel jirrakonta meta r-Re Artur kien isaltan f'Kamelott imdawwar mill-kavalieri tal-Mejda t-Tonda. Huma jitilqu jfittxu l-Kus Qaddis li fih Ġużi ta' Arimatea żamm miġbura qtar ta' demm ta' Kristu msallab. Wieħed minn dawn l-ifirsa tal-Mejda t-Tonda, Markald, jasal sal-gżejjer ta' Melite u Gaulos.

Ħsieb li forsi wieħed jista' jiġih huwa li dan huwa ispirat mill-ktieb magħruf The Da Vinci Code ta' Dan Brown. Iżda meta wieħed jidħol fil-fond tal-istorja u anke jekk nafu lil Alfred Sant, nagħrfu tajjeb li Sant ma tantx jislet ideat b'mod superfiċjali imma ħafna drabi meta jiktibhom ikun mgħarraf sew bil-qari. Kotba dwar is-Sangreal inkitbu bil-bosta, insemmi biss Thomas Malory, Amanda Hemingway, Michael Baigent, Richard Leigh u Henry Lincoln u ħafna u ħafna oħrajn. It-tiftix ukoll huwa aspett komuni ħafna. Jekk immorru lura fil-mitoloġija Griega, nsibu l-Golden Fleece fejn l-eroj Jason u l-ekwipaġġ tiegħu ta 'Argonauts bdew ifittxu l-suf b'ordni tar-Re Pelias sabiex iqiegħdu lil Jason bi dritt fuq it-tron ta' Iolcus f'Tessalja. Permezz tal-għajnuna ta 'Medea, huma jiksbu l-Golden Fleece.

L-idea tal-vjaġġ ukoll hija tema magħrufa sew fil-letteratura, insemmi biss il-Ħrejjef Għarbin sa dawk li ngħid jien sawru t-tfulija tagħna bħal kotba ta' Jules Verne u Robert Louis Stevenson.

L-aktar elementi qawwija f'dan il-ktieb hija l-esperementazzjoni stilistika tiegħu. Hawnhekk Sant qed jippreżenta ġeneru ta' kitba partikolari ħafna. Għalhekk biss, dan il-ktieb kien ħaqqu li jkun wieħed minn dawk magħżula. Diffikulta' kbira li nsib hija li kemm it-tim ta' ġeneru u stil kif ukoll il-mod kif inhu miktub jappella għal kategorija naqra limitata ta' qarrejja. Dan ma naħsibx li għandu jtellef il-bejgħ ta' dan il-ktieb, għaliex l-awtur huwa wieħed popolari ħafna, rebbieħ ta' bosta premijiet u affordja jieħu dan r-riskju. Wisq nibża' pero li l-ktieb ftit ħalla impatt fuqi. Iżda meta wieħed iqis, anke id-drama kif qed tevolvi permezz tat-televixin, u anke bi stejjer xi wħud imsaħħra u li fihom l-element ta' misteru li jieħdok lura fiż-żmien, ma nkunx sorpriż li nara dan ir-rumanz anke rappreżentat b'modi differenti. U għandi kurżità kemm biex naqra aktar reazzjonijiet dwar dan ir-rumanz differenti u anke biex nara l-istorja ta' dan ir-rumanz rappreżentata b'modi differenti.

## Koppji ta' Jacqueline Mizzi

Daniel u Isabel. Olivia u Willam. Żewġ koppji li ħajjithom mhix kopja ta' xulxin. Żewġ koppji fejn kull karattru jikkoppa meta ma jiħux kopja ta' martu, ta' żewġu, jew ta' ħajtu stess. Żewġ koppji li mhux darba jew tnejn jiġu koppi; għax min bil-għatx għal qatra u min fis-sakra, min jittama u min donnu se jmut bil-piena, min jistenna biex forsi jitħenna u min jistenna u jitherra.

Fil-ktieb 'Koppji', Jacqueline Mizzi l-awtriċi ta' dan il-ktieb, tagħti togħma ta' realtajiet intimi f'dinjiet paralleli: dinjiet ta' żewġ koppji b'realtajiet mistura li ftit jitkellmu dwar kif jiġġarrbu verament. Realtajiet li min ikun fihom biss jista' jirrakkonta u jagħżel dak li jgħid u dak li jħalli barra. Realtajiet li ħafna drabi jinsatru b'velu ta' tlellix biex wieħed jibqa' jidher sod u ma jiġix iġġudikat. Realtajiet li jqanqlu b'insistenza l-emozzjonijiet veri u kunstrastanti, il-vulnerabbilità u l-irkejjen l-iktar skomdi tal-individwu.

U għax il-karattri għandhom stejjer differenti, u għax ġrajjiethom huma lkoll intimi, ir-rakkont se jmexxuh huma stess. Il-ġrajja kollha hi miktuba mill-perspettiva, u fil-vuċi, ta' dawn l-erba' karattri mistħajla. Karattri li bihom il-velu tas-satra se jinkixef fl-inżul u t-tlajja' li jesperjenzaw; l-abbundanza u x-xejn li jtaqqlu bl-istess insistenza u joħolqu kurrenti xejn faċli kontra l-qdif tal-ħajja, għax kemm jekk f'baħar bnazzi u kemm jekk fil-maltemp, iridu jibqgħu għaddejjin, imqar jekk bit-tama li l-baħar ikun ġentili magħhom; ukoll jekk iħossuhom weħidhom; ukoll jekk jixxennqu għal ftit ħin għall-kwiet; ukoll jekk iħarsu lura b'xenqa li jreġġgħu lura ż-żmien; ukoll jekk jixxennqu għal art ġdida li għad tixref u li fuqha jagħmlu l-ewwel pass minn ħafna.

F'dar-rumanz, l-attenzjoni għad-dettall ma tiġix mix-xejn imma minn xhur twal ta' riċerka, b'qari u b'intervisti fuq ir-relazzjonijiet, il-fertilità, u aspetti oħra tas-saħħa fiżika u mentali, għax ma jixraqx li kittieba tittratta dawn is-suġġetti jekk mhux b'dedikazzjoni kbira – dedikazzjoni li tinħass fis-sensittività ta' Jacqueline li hija konxja ħafna li l-karattri tagħha huma fittizzji iżda li jgħaddu minn ġrajjiet veri li jmissu magħhom bosta koppji.

